# Trasformazzjoni ta' Komunità

## L-Ewwel Taqsima

*Eric Montfort*





***Triq is-Salib dak iż-żmien magħrufa bħala Via Croce madwar l-1930***

F'pajjiżna, tul dawn l-aħħar 50 sena, seħħew bidliet radikali ħafna fid-dehra fiżika u soċjali. Bosta rħula żgħar kibru u saru fost l-ikbar postijiet residenzjali f'Malta. Inbnew oqsma residenzjali, kemm mill-gvern kif ukoll mill-privat, u rajna toroq ġodda arterjali li biddlu għal kollox l-uċuħ ta' ħafna bliet u rħula.

Dak li ġara fi bliet u rħula bħal Ħaż-Żabbar, Ħaż-Żebbuġ, il-Mosta u, fi żminijiet iktar riċenti, f'San Pawl il-Baħar, għaddiet minnu l-Marsa bosta snin qabel. Din il-komunità għaddiet minn trasformazzjoni sħiħa tul iċ-ċentinarju li ilha teżisti. Hawnhekk se nelenka ftit minn dawn il-bidliet li ftit li xejn nobsru kif affettwawna, iktar u iktar meta kontra postijiet oħra qribna bħall-Belt Valletta, Ħal Luqa u Ħal Qormi, il-Marsa huwa post relattivament ġdid. Forsi b'hekk ukoll nistgħu nifhmu kif dawn il-bidliet f'daqqa setgħu wkoll affettwaw b'modi differenti, fit-tajjeb u fil-ħażin, din il-komunità.

### Il-bini ta' Vjal Diċembru 13

M'hemm l-ebda dubju li kien hemm bżonn ta' triq ġdida sabiex takkomoda t-traffiku qawwi li kien qed jgħaddi dak iż-żmien minn Triq is-Salib, triq antika li bħala mogħdija, fi żmien il-Kavallieri, kienet tifred it-Tramuntana min-Nofsinhar ta' Malta. Dan il-vjal żviluppa u għadda minn qasam t'għelieqi u mogħdija li, eventwalment, sar l-iktar triq prominenti fil-Marsa. Il-bini ta' Vjal Diċembru 13, lura fl-1975, biddel għal kollox l-andament fiżiku u soċjali ta' Triq is-Salib fejn it-traffiku minn din it-triq niżel sew.

Qabel ma nfetaħ Vjal Diċembru 13, Triq is-Salib kienet triq importanti ħafna (u daqstant ieħor traffikuża) f'Malta. Kienet ukoll waħda mill-eqdem toroq li baqgħet u għadha teżisti f'Malta. Fl-imgħoddi, Triq is-Salib kienet tibda minn qrib Tal-Pietà u kienet tibqa' sejra sas-Salib tal-Marsa. Fl-1903 tqatta' l-blat sabiex ikun jista' jgħaddi t-tramm. Sa żmien it-Tieni Gwerra Dinjija hi u Triq Irjali San Ġużepp spiċċaw bħala l-iktar toroq traffikużi f'Malta.

Dak iż-żmien ma kienx hemm Triq Reġjonali fl-Imsida u f'Santa Venera. Dawn saru ħafna snin wara. Illum, it-triq ċkienet konsiderevolment u tasal sal-Knisja Parrokkjali. Parti mit-triq issemmiet għall-eks-Kappillan, il-mibki Patri Feliċjan Bilocca, filwaqt li l-parti ta' fuq, li kienet



*Vjatku fi Triq is-Salib madwar l-1960*

ilha maqtugħa mill-kumplament ta' Triq is-Salib hekk kif tlesta Vjal Diċembru 13, ġustament issemmiet għal San Ġorġ Preca. Din it-triq tkompli fil-Ħamrun, fiż-żona tal-Blata l-Bajda u tispiċċa maġenb Triq Joe Gasan, qrib tal-Pietà.

Vjal Diċembru 13 ġab ukoll bidliet kbar ħafna fl-aspett soċjali tal-Marsa. Ġab iktar distinzjoni bejn il-parti ta' fuq tal-Marsa, fil-biċċa l-kbira tagħha mal-Parroċċa Maria Regina, u n-naħa t'isfel. Ġab ukoll bidliet kbar ħafna fil-popolazzjoni.

## Bidliet u Xejriet fil-Popolazzjoni fil-Marsa

Meta l-Parroċċa tas-Ssma Trinità twaqqfet fl-1913 kien hemm jgħixu mal-4,000 ruħ. Parti sew minn din il-popolazzjoni kienet ġejja miż-Żejtun, Ħal Qormi, is-Siġġiewi u Għawdex. Dawn in-nies bdew jgħammru f'residenzi qrib il-Port il-Kbir minħabba l-attività kbira li kien hemm, iktar u iktar tul żmien l-Ewwel l-Gwerra Dinjija, fejn fil-Marsa kien hemm ħafna trasbord ta' merkanzija marbuta mas-servizzi Brittaniċi. Tul is-snin, anke wara t-Tieni Gwerra Dinjija, fil-Marsa żdiedet sew l-attività kummerċjali, speċjalment fit-trasbord u l-ħażna tal-merkanzjia, u magħha żdiedet ukoll il-popolazzjoni. Fl-1948, il-popolazzjoni sparat għal 11,560, l-ogħla popolazzjoni li qatt kellha l-Marsa. Fl-1967 il- popolazzjoni niżlet għal 9,722 ruħ. Fl-1981 din niżlet għal 9,313, fl-1985 kien hemm 7,953 ruħ filwaqt li fl-2005 il-popolazzjoni niżlet għal 5,344. Tliet snin ilu kien hawn jgħixu biss 4,784, bejn wieħed u ieħor daqs kemm kienet il-popolazzjoni 100 sena ilu.

Meta wieħed iżid xi toroq li hemm fil-Parroċċa Ssma Trinità u li jagħmlu mal-Ħamrun l-ammont jitla' għal ftit inqas minn 5,000. Xorta waħda hemm toroq li prattikament huma diżabitati. Hemm ħafna żgħażagħ li llum telqu mill-Marsa u konsegwenza ta' dan hawn popolazzjoni xiħa. Fl-2010 fiż-żewġ parroċċi kien hemm 32 magħmudija u 58 funeral. B'din ir-rata l-popolazzjoni fil-Marsa tista' tispiċċa sabiex tkompli tonqos b'mod drastiku. Dan affettwa wkoll il-parteċipazzjoni tat-tfal u ż-żgħażagħ f'ċerti għaqdiet. Fost l-iktar grupp affettwati hemm l-Azzjoni Kattolika u l-Legion of Mary. Illum, post l-Azzjoni Kattolika fiċ-Ċentru San Piju X ittieħed mill-abbatini, u fil-Legion of Mary hemm iktar anzjani nisa milli żgħażagħ, kontra x-xejriet fis-snin 70 u l-bidu tas-snin 80.